**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 16 t'April 2019

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 87**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 87 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 22 t'April 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

87.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
87.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
87.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
87.5 Rapporti;
87.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
87.7 Aġġornament dwar it-tisbiħ tal-latrini pubbliċi li jinsabu fil-pjazza tal-Qrendi;
87.8 Aġġornament dwar it-tisbiħ tal-bandli fi Ġnien Dama Cecilia Pick (il-Ġnien tal-Warda);
87.9 Aġġornament dwar l-afforestazzjoni f'Misraħ il-Maqluba;
87.10 Miżura 1 tal-Istrateġija tal-Iżvilupp Lokali (LDS) - Restoration of assets of artistic and cultural value;
87.11 Attività Soċjo-reliġjuża f'Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
87.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
87.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-87 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 22 t'April 2019 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsilliera | Daniela Farrugia |
| Ambaxxatriċi | Michaela Vassallo |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 87.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOOĠIJA

87.1.1 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud bagħtet e-mail sabiex tinforma lill-Kunsill Lokali li ma setgħetx tattendi.

87.1.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar ir-raġuni mogħtija mill-Kunsilliera Sant Mifsud.

## 87.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

87.2.1 Il-Minuti tas-86 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

87.2.2 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia issekondat il-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 87.3, 87.4 u 87.5 jiġu diskussi wara Minuta 87.11 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

## 87.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

87.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol beda, imma xorta waħda jħoss li dan mhuwiex biżżejjed.

87.6.2 Bħalissa qiegħed ikun hemm żewġ persuni jirranġaw xi affarijiet kuljum, imma xorta waħda m'aħniex kuntenti kif sejrin l-affarijiet.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

87.6.3 Ġie rranġat il-ħajt li qiegħed idawwar iż-żona, imma mill-bqija ma kienx hemm żviluppi kbar.

87.6.4 Qal li qegħdin joħorġu ċertu diċeriji dwar din il-binja, fosthom li l-Kunsill Lokali m'għandux flus biex iwettaq dan il-proġett.

87.6.5 Saħaq li dan mhuwiex minnu għaliex il-Kunsill Lokali mhux biss għandu l-fondi allokati għal dan il-proġett, imma anke nġiebu fondi mill-Iskema tal-Proġetti Kapitali.

87.6.6 Qal ukoll li ħarġet diċerija li l-Kunsill Lokali ta l-kuntratt lil kumpanija li ma kenitx kapaċi twassal il-proġett sat-tmiem.

87.6.7 Saħaq li l-Kunsill Lokali mexxa l-proċess tat-tender u l-aġġudikazzjoni kif propost mil-liġi, u l-kuntattur, minbarra li kien l-irħas offerent, kien ukoll teknikament eliġibbli li jwettaq proġett simili.

87.6.8 Qal li r-residenti għandhom raġun iħossuhom iddiżappuntati kif qed inħossu l-Kunsill Lokali.

87.6.9 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li apparti d-diċeriji li semma' s-Sindku, ħarġu wkoll id-diċeriji li dan il-kuntrattur ħarab minn Malta u allura abbanduna l-proġett.

87.6.10 Il-Viċi Sindku staqsa wkoll jekk dan il-kuntrattur diġa' tħallasx ta' xi xogħol li għamel, bis-Sindku jwieġeb li s'issa tħallas biss fejn ġie ċċertifikat mill-Perit Henry Attard, li huwa l-Perit imqabbad mill-Kunsill Lokali fuq dan il-proġett.

## 87.7 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TISBIĦ TAL-LATRINI PUBBLIĊI LI JINSABU FIL-PJAZZA TAL-QRENDI

87.7.1 Is-Sindku qal li x-xogħol inbeda f'dawn l-aħħar ġimgħat u llum beda jitqiegħed il-madum fil-latrina tal-irġiel.

87.7.2 Qal li bħalissa qiegħda tintuża' biss il-latrina magħrufa bħala 'tan-nisa,'

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

imma wieħed mit-toilets qegħdin nużawh għall-irġiel.

87.7.3 Spjega kif s'issa kellna l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali li qalgħu l-madum kollu, imbagħad kellna kuntrattur li għadda d-dawl u l-ilma u nfetħu s-sistemi tad-drenaġġ.

87.7.4 Matul din il-ġimgħa ser ikun lest il-madum imbagħad ikun fadal ix-xogħol tas-suffett, kif ukoll il-bibien tal-aluminju.

87.7.5 Qal li għalissa anke t-tieqa tal-injam li hemm fuq barra ser tinbidel u għalissa ser issir waħda proviżorja sakemm issir waħda ġdida.

87.7.6 Żied li fin-naħa tan-nisa, minn tliet toilets ser jinżlu għal tnejn u ser nagħmlu wkoll nappy changing room sabiex wieħed ikun jista' jbiddel lit-trabi.

87.7.7 Fl-aħħar nett qal, li ġaladarba dan ix-xogħol ikun lest, irridu nwaħħlu plakka li tindika li dan ix-xogħol sar bl-għajnuna tal-fondi tar-Reġjun tan-Nofsinhar.

## 87.8 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TISBIĦ TAL-BANDLI FI ĠNIEN DAMA CECILIA PICK (IL-ĠNIEN TAL-WARDA)

87.8.1 Is-Sindku qal li l-permess ħareġ u l-Kunsill Lokali applika sabiex iġib il-fondi mingħand l-Urban Improvement Fund (UIF).

87.8.2 Qal li dan huwa proġett li ġej jiswa ftit aktar minn €60,000, u bħalissa qegħdin nitkellmu mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar dak kollu li ser ikun inkluż f'dan il-proġett.

87.8.3 Fisser kif ġaladarba nikkjarifikaw kollox, tinħareġ is-sejħa għall-offerti mbagħad naraw min jitfa' t-tender għal dan il-proġett.

## 87.9 AĠĠORNAMENT DWAR L-AFFORESTAZZJONI F'MISRAĦ IL-MAQLUBA

87.9.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi kellu €1,000 li ngħataw mill-Koperattiva GreenPAK bħala premju tal-Most Supportive Locality waqt

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

serata tal-unuri li saret is-sena li għaddiet.

87.9.2 Qal li din l-afforestazzjoni ġiet tiswa €1,500, bil-€500 l-oħra jinħarġu mill-Kunsill Lokali.

87.9.3 Żied li f'din iż-żona qegħdin nitolbu li jsir proġett żgħir u pulit, isir ftit tarmak u jsiru xi bankijiet sabiex wieħed ikun jista' jirrilassa hemmhekk.

87.9.4 Spjega kif mhux ser napplikaw biex inżidu xi bozoz għaliex probabilment it-talba tagħna ma tiġiex milqugħa u lanqas ħaqq li neħlu minħabba din l-applikazzjoni.

87.9.5 Fisser kif issa kollox jinsab quddiem Infrastruttura Malta, u dawn qegħdin jevalwaw il-proposta tagħna, u nittamaw li fil-jiem li ġejjin ikollna risposta pożittiva.

87.9.6 Qal ukoll li bħalissa qegħdin nistennew mingħand Ambjent Malta dwar tabelli li jistgħu jsiru dwar is-siġar li qegħdin jiġu mħawla, eċċ...

## 87.10 MIŻURA 1 TAL-ISTRATEĠIJA TAL-IŻVILUPP LOKALI (LDS) – RESTORATION OF ASSETS OF ARTISTIC AND CULTURAL VALUE

87.10.1 Is-Sindku qal li ser ikun qiegħed jiċċekkja aħjar dwar din il-Miżura, u nevalwaw x'l-aħjar li jsir f'dan ir-rigward.

## 87.11 ATTIVITÀ SOĊJO-RELIĠJUŻA F'MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

87.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali kien mitlub li ssir quddiesa bl-għana quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

87.11.2 Qal li bħalissa qiegħed isir ir-restawr ta' dan is-Santwarju u allura tkun ideali li hemmhekk issir attività soċjo-reliġjuża.

87.11.3 Ippropona li din il-quddiesa ssir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Mejju, fejn wara li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

diġa' tkellimna mal-Kappillan, dan ippropona li ssir fis-7pm minflok issir waħda fil-Knisja Parrokjali.

87.11.4 Saħaq li hija xewqa tiegħu li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti, kif ukoll li din tkun quddiesa ta' ringrazzjament ta' din is-seba' leġiżlatura.

## 87.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

87.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-ktieb "Int Min ta' Min Int," qiegħed fl-aħħar stadji tiegħu u bħalissa qiegħed isir l-aħħar qari tal-provi qabel immorru għall-ipprintjar.

87.3.1.1 Qal li ġaladarba dan ikun lest ser inkunu nistgħu nipprintjawh, u dan irid isir qabel l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali u dan minħabba li huwa proġett ta' din il-leġiżlatura u anke l-Iskola Primarja tixtieq li dan il-ktieb ikun ippubblikat qabel tiġi fi tmiemha s-sena skolastika.

87.3.2 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema tal-passaport għall-anzjani sabiex iżuru s-siti ta' Heritage Malta.

87.3.2.1 Qal li l-Kunsill Lokali applika għal din l-iskema li ser tkun għall-persuni li għandhom minn sittin sena 'l fuq.

87.3.3 Is-Sindku tkellem dwar Triq it-Tempesta, u qal li llum beda jingħata t-tarmak f'parti minn din it-triq.

87.3.3.1 Qal li bħalissa hemm parti mill-by-pass magħluqa u dan għaliex inbeda x-xogħol li suppost huwa l-aħħar stadju ta' dan il-proġett.

87.3.3.2 Spjega kif inqalgħu ċertu problemi matul it-triq, imma bl-għajnuna u l-intervent tagħna, irnexxielna nsolvu ħafna minn dawn il-problemi m'Infrastruttura Malta.

87.3.3.3 Qal li anke s-service road tal-by-pass ser issir kollha għaliex inbidlu s-servizzi tal-ilma u d-drenaġġ.

87.3.4 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu fil-jiem li għaddew dwar żoni fejn jistgħu jitħawlu siġar ġodda fil-Qrendi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

87.3.4.1 Qal li ġew identifikati diversi żoni, b'mod speċjali dawk li jinsabu fil-parti rurali, u fil-ġimgħat li ġejjin ser inkunu qegħdin inħawlu numru sabiħ ta' siġar.

87.3.5 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu mal-Ministru Konrad Mizzi u dan sabiex forsi ningħataw żewġ ħaddiema li jafu jibnu l-ħitan tas-sejjieħ.

## 87.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

87.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsillieri preżenti.

## 87.5 RAPPORTI

87.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapport mill-Kunsillieri preżenti.

## 87.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

87.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €22,909.70 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 04/19 u €29.17 skont il-*Petty Cash* Ref W/03.

87.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

87.12.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondaw din il-proposta.

87.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

87.13 **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

87.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 13 ta' Mejju 2019 fit-3:30pm.

87.13.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**